**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Christopher Borg (ID 127376M) u**
**Marie Louise Borg (ID 314776M)**

**Vs**

**Francis sive Frank Bonnici (ID 301865M)**

**Rikors Numru: 101/16**

Illum 11 ta' Jannar 2018

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jaqra hekk:

Illi l-esponenti huma s-sidien tal-fond numru erbgha u hamsin (54) fi Triq Simmons, Tarxien, li krew lill-intimat Francis sive Frank Bonnici in forza ta' kuntratt ta' l-ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (20.12.13) [ara Dok 'A; hawn unit] bil-kera attwali ta' ghaxar elef u tmien mitt ewro (€10,800) fis-sena li jithallas kull xahar bil-quddiem;

Illi l-intimat willa l-fond *de quo* in parte jew *in toto* minghajr il-permess bil-miktub ta' l-esponenti u dana bi ksur ta' l-Artikolu 9 tal-kuntratt ta' lokazjoni;

Illi l-intimat biddel id-destinazzjoni tal-fond u dana bi ksur ta' l-Artikolu 5 tal-kuntratt ta' lokazzjoni;

Illi l-intimat ma kienx puntwali fil-hlas tal-kera;

Illi l-esponenti ghandhom ghalfejn jahsbu li l-intimat iddispona x'uhud mill-ghamara lil kienet parti minn dina l-kirja, liema ghamara kienet tikkomprendi fully fitted kitchen cupboards, appliances tal-kcina bhal fridge, oven, hob, air conditioning unit, u l-mobbli ta' l-ispare bedroom u cioe' l-kwardarobba, sodda, skrivanija, komodina u insect killer device (ara klawsola 3 tad-Dok 'A');

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil dan il-Bord sabiex:

1. Jawtorizza t-terminazzjoni tal-lokazzjoni li hemm favur l-intimat tal-fond 54 Triq Simmons, Tarxien u b'hekk huma jirriprendu l-pussess tal-fond imsemmi u dan a ghal xi wahda mir-ragunijiet fuq imsemmija.

2. Tippreferggi terminu qasir u perentorju biex l-intimat johrog u jizgombra mill-fond 'de quo'.

3. Fl-eventwalita li jirrizulta wara access mizmum fuq il-post u mill-provi mressqa li l-intimat iddispona mill-ghamara jew x'uhud minnha, tikkundanna lill-intimat ihallas lill-esponenti dik is-somma li tigi likwidata bhala rapprezentanti l-prezz ta' l-ghamara li tirrizulta nieqsa.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri nterpellatorji tas-17 u tat-22 ta' Settembru 2016 kontra l-intimat minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti senjatament dik ta' hlas ta' l-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni.

Ra r-risposta tal-intimat li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti konjugi Borg ghar-ragunijiet li gejjin:

1. Illi l-kuntratt tal-20 ta' Dicembru 2013, dokument A ma kienx sempliciment kuntratt ta' kera kif qed jigi allegat mir-rikorrenti izda kien konvenju ghax-xiri tal-fond de quo, konvenju fit-tul li ghadu ma skadiex bil-partijiet miftehma illi l-eccipjenti kellu d-dritt illi jixtri l-imsemmi fond ghall-prezz miftiehem fil-konvenju u jnaqqas minn dak il-prezz il-kera li tkun giet imhallsa mill-eccipjenti lir-rikorrenti fid-data li jigi ppubblikat il-kuntratt kollox kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzoni mhu minnu xejn illi l-eccipjenti biddel id-destinazzjoni tal-fond jew willa l-istess in parte u in toto minghajr il-permess tas-sid kollox kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet m'hu minnu xejn illi l-eccipjenti ma kienx puntwali fil-hlas tal-kera izda meta r-rikorrenti jew min minnhom bdew jirrifjutaw li jaccettaw il-kera minghajr ebda raguni valida fil-ligi huwa ghadda biex jiddepozita l-istess kera fir-Registru tal-Qorti kollox kif jigi spjegat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet lanqas hu minnu li l-esponenti ddispona minn xi ghamara li kienet tinsab fil-post soggett ghall-konvenju fuq imsemmi u fi kwalunkwe kaz l-ebda kawza inkluz din ma tista' tigi miftuha fuq kongetturi u fuq x'wiehed jista' jahseb jew ma jahsibx.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Sema' x-xhieda.

Ra l-atti d-dokumenti kollha inkluz in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti. Jigi precizat li nonostante li l-intimat inghata d-dritt li jipprezenta nota' ta' sottomissjonijiet din baqghet ma gietx prezentata.

**Ikkunsidra**

Permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrenti qeghdin jitolbu t-terminazzjoni tal-kirja tal-fond 54, Triq Simmons, Tarxien li inkera lill-intimat in forza ta' skrittura tal-20 ta' Dicembru 2013. Konsegwentement talbu li l-intimat jigi zgumbrat u jigi kkundannat ihallas valur tal-ghamara li l-intimat iddispona minnha.

L-intimat eccepixxa li l-iskrittura tal-20 ta' Dicembru 2013 li kienet redatta min-Nutar Dr Hugh Grima ma kinitx sempliciment kuntratt ta' kera izda kienet ukoll konvenju u li tali konvenju ma skadiex, u fil-mertu cahad l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu.

Mill-atti jirrizulta li l-iskrittura tal-20 ta' Dicembru 2013 kien ftehim principalment fejn ir-rikorrenti konjugi Borg krew il-fond 54, Triq Simmons, Tarxien lill-intimat u dan skont il-kundizzjonijiet hemm elenkati. L-inkwilin imbaghad permezz tal-istess skrittura inghata l-ghazla li jixtri l-istess fond izda dan ukoll taht certu kundizzjonijiet. Infatti fl-ewwel pagna tal-istess skrittura[1] jinghad hekk:

*"Bis-sahha ta' dan il-ftehim il-konjugi Borg – is-sidien – qeghdin jaghtu b'titolu ta' lokazzjoni (kera) lill-komparenti Frank Bonnici l-inkwilin, li taht l-istess titolu ta' kera qieghed jaccetta u jiehu l-fond li jinsab f'Hal Tarxien, fi Triq Simmons, numru erbgha u hamsin (54) bl-arja libera tieghu u fl-istat attwali tieghu, tale quale, fil-kundizzjoni li jinsab fih illu bhala muri lilu u spezzjonat mill-komparenti inkwilin.*

*Din l-iskrittura ta' lokazzjoni qeghda ssir u tigi accettata versu l-kera u taht il-kundizzjonijiet li gejjin:"*

It-terminu tal-kera kien ghal disa' snin dekoribbli mill-1 ta' Jannar 2014 u dan skont l-ewwel klawsola tal-istess skrittura. Hemm imbaghad diversi klawsoli li huma konsoni ghall-kundizzjonijiet ta' ftehim ta' kirja. Fil-klawsola numru tmienja gie ukoll stipulat li fit-terminazzjoni tal-kirja, l-inkwilin irid jirritorna l-fond fl-istess stat li kien jinsab fih meta inkera, salv *fair wear and tear.*

Huwa minnu li fil-klawsola numru hdax tal-istess skrittura l-partijiet ftehmu li bl-ghazla tal-inkwilin, liema ghazla kellha tigi fis-sehh fi zmien 3 xhur mill-1 ta' Jannar 2017, l-inkwilin seta' jobbliga ruhu li jixtri l-proprjeta'. F'tali eventwalita' l-att finali ried isir sa mhux aktar tard mill-31 ta' Dicembru 2022.

[1] Dok A a fol 3 et seq tal-process

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu, l-intimat eccepixxa li l-iskrittura tal-20 ta' Dicembru 2013 kienet konvenju ghax-xiri tal-fond *de quo*, liema konvenju ghadu ma skadiex. Tali eccezzjoni ghandha tigi michuda. Fil-fatt l-iskrittura redatta kif diga' gie rilevat hija wahda primarjament ta' kirja fejn il-partijiet ftehmu dwar il-kundizzjonijiet tal-istess. Il-klawsola li kienet tistipula l-possibilita' li l-intimat jobbliga ruhu li jixtri l-fond kienet wahda diskrezzjonali ghalih u li kellha tigi ezercitata minnu fl-ewwel tlett xhur ta' Jannar 2017. Minn dak li xehed l-istess intimat tali skrittura ma gietx irregistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni bhala li hija konvenju, liema regisrazzjoni hija rikjesta *ad validitatem* skont il-Ligi, u kwindi anki kieku stess l-sikrittura kellha tigi kkunsidrata bhala konvenju l-istess m'ghandhiex torbot lill-partijiet tenut kont li ma saret l-ebda registrazzjoni mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Irid jigi pprecizat li l-kawza odjerna giet prezentata fit-13 ta' Ottubru 2016 u kwindi qabel it-terminu fejn l-intimat seta' jezercita' l-ghazla, izda sa dak il-punt li l-intimat kellu d-dritt li jaghzel huwa kellu l-fond f'idejh taht it-titolu ta' lokazzjoni u bhala tali huwa kien obbligat li ma jivvjolax l-ebda kundizzjoni imposta fl-istess ftehim.

Inkwantu ghall-mertu, ir-rikorrenti qeghdin jibbazaw it-talba taghhom fuq tlett ilmenti: (i) sullokazzjoni bi ksur tal-artikolu 9 tal-kuntratt ta' lokazzjoni; (ii) bdil tad-destinazzjoni tal-fond bi ksur tal-artikolu 5 tal-kuntratt ta' lokazzjoni; u (iii) l-intimat ma kienx puntwali fil-hlas tal-kera.

Ghal dak li jirrigwarda l-kawzali tas-sullokazzjoni jirrizulta mill-klawsola numru 9 tal-istess skrittura li *"Ikun assolutament ipprojbit illi l-inkwilin jwilli l-fond de quo in parte jew anke in toto minghajr il-permess bil-miktub tas-sidien".*

Ir-rikorrenti xehed[2] li ghall-habta ta' Marzu/April 2015, l-intimat sejjah laqgha li fiha attendew martu, huwa u n-Nutar Hugh Grima. L-intimat Bonnici qal li xtaq ibiddel il-klawsola numru 9 billi s-sidien jaghtuh permess bil-miktub sabiex ikunu jista' jwilli l-fond mikri. Ir-rikorrenti xehed li n-Nutar kellu f'idejh l-iskrittura lesta biex jemenda l-iskrittura originali ta' lokazzjoni. Huwa u martu mill-ewwel irrifjutaw tali proposta. L-intimat qalilhom li f'kaz li ma jkunx hemm tali emenda huwa kien se jkollu diffikulta' biex ihallas il-kera izda huma ma cedewx. Is-sur Borg xehed li huwa kien iltaqa' ma' certu Mario Vella, l-gar tal-fond inkwistjoni mikri lill-intimat, u infurmah li l-post kien qed ikun mimli

[2] Permezz ta' affidavit, Dok CB a fol 15 tal-process

b'hafna nies u lmenta mieghu dwar l-istorbju li kienu qeghdin jaghmlu u l-mod kif kienu qeghdin igibu ruhhom. Qallu li kienu qed jidhlu fih hafna zghazagh u rrendewh qisu *guest house*. F'Awwissu 2016, Mario Vella cempillu li n-nies li kienu fil-post mikri kienu qed jaghmlu hafna storbju fis-sieghat bikrin ta' filghodu tant li darba minnhom ma felahhomx aktar u anki gabilhom il-pulizija darbtejn fl-istess lejl. B'hekk ir-rikorrent iddecieda li jmur fuq il-post u jara x'kien qieghed jigri. Meta fil-fatt mar fuq il-post fetahlu l-bieb zaghzugh ta' nazzjonalita' barranija u x-xhud qallu li kien mar biex jiccekkja l-posta. Dan iz-zaghzugh wiegbu li jekk ried ikellem lis-sid kellu jistaqsi ghal Frank Bonnici. Dan iz-zaghzugh qal lis-sur Borg li huwa kien kera tramite l-agenzija *Quicklets Agency*. Staqsa lil diversi girien li kkonfermaw li raw diversi nies fi zminijiet differenti diehlin u hiergin mill-post mikri lis-sur Bonnici. Fid-29 ta' Awwissu 2016 rega' mar fuq il-post u ra nies dehlin u hergin, u mad-disa' garbage bags wara l-bieb ta' barra. Ghall-ahhar ta' Awwissu 2016 rega' iltaqa' mal-gar Mario Vella u staqsieh dwar il-pjanu. Dan qallu li qatt ma semgha xi hoss ta' xi pjanu jindaqq jew xi forma ohra ta' strumenti muzikali hierga mill-post. Zied ighidlu li r-residenti tal-fond tieghu gieli nkarigawh jaghmlu xi xogholijiet ta' maintenance fil-post u ghalhekk huwa dahal diversi drabi hemm gew. Ghall-habta ta' Ottubru 2016, is-sur Vella qallu li l-kmamar kollha kienu okkupati bis-sodod u li f'dak iz-zmien kien hemm zewg nisa joqghodu fil-fond. Mart is-sur Borg bazikament ikkonfermat ix-xhieda ta' zewgha.

Mario Vella xehed[3] li huwa gar tal-fond 52, Triq Simmons, Tarxien. Huwa jaf personalment lill-intimat, li min-naha tieghu kien qallu li huwa kien kera l-fond inkwistjoni biex ighix go fih u biex jaghti lezzjonijiet tal-pjanu. Ftit zmien wara li l-intimat mar ighix jdejh, madwar xahrejn wara, huwa talbu biex imur mieghu San Gwann biex jixtri hames sodod double bed u x-xhud ghenhom ipoggihom f'kull kamra li hemm fid-dar inkwistjoni. Meta staqsieh jekk ma kienx se jghallem il-pjanu, l-intimat wiegbu li ma kienx *worth it*. Qallu wkoll li kien se jikriha lill-barranin biex jirrisjedu hemm. Ftit wara l-intimat ma baqax ighix fil-fond, ha mieghu l-pjanu, u marru joqoghdu fil-fond il-barranin. Fost il-hafna nies li ghexu fil-fond kien hemm tlett irgiel u mara li qalulu li jahdmu fil-Palumbo Shipyard. Damu joqoghdu fil-post mikri lill-intimat mas-sitt xhur. Bdew imorru wkoll hafna zghazagh. Kien hemm min dan ighix hemm u ohraj telqu mill-ewwel ghaliex qalulu li d-dar ma kinitx komda u ma kinitx maghmula biex talloggja n-nies. Huwa qal li hafna minn dawn in-nies kienu ta' dwejjaq ghall-girien ghaliex kienu jaghmlu hafna storbju u mhux dejjem jagixxu kif

[3] Permezz ta' affidavit, Dok MV a fol 23 tal-process

suppost. Is-sur Vella ipprotesta ruhu mal-intimat minhabba l-istorbju li qallu li messu cempel lil ohtu u ghalhekk gieli kellu jcempel lill-pulizija. Ix-xhud qal li huwa dahal diversi drabi f'dan il-fond waqt li kien mikri lill-intimat.

Ma sar l-ebda kontro-ezami ta' dawn ix-xhieda.

Ix-xhud Stephen Mercieca, direttur u Chief Executive Operator ta' Quicklets Agency ikkonferma[4] li l-avviz li gie pprezentat[5] kien jirreferi ghal House of Character f'Hal Tarxien, 54, Vjal Simmons. Huwa kkonferma wkoll li bis-sahha tar-reklam kienu krewha zgur lil xi individwu. Christopher Borg xehed[6] li ma kienx huwa li ghamel ir-riklam mal-agenzija.

PL Quentin Tanti, in rapprezentanza tal-Malta Tourism Authority mil-Licensing Department, xehed[7] li kien hemm licenzja bhala *Host Families, Classification Housing three or four students* ghas-sena 2014 tant huwa hekk li thallset il-licenzja[8]. Il-licenzja harget fuq Frank Bonnici. Fis-sena 2015 jirrizulta mill-file li x'aktarx intalbet il-hrug tal-licenzja mill-gdid izda ma nhargitx u ma gietx imhallsa.

L-intimat xehed[9] li qabel ma giet iffirmata l-iskrittura, huwa kien iltaqa' mas-sur Borg u ftiehem li huwa xtraq jixtri l-proprjeta' inkwistjoni u irrangaw li jhallas il-pagamenti minghajr interessi. Wara li giet iffirmata l-iskrittura beda jhallas il-pagamenti mensilment u fiz-zmien stipulat skont l-ircevuti li huwa pprezenta[10]. Meta imbaghad ir-rikorrenti m'accettawx il-kera huwa beda jiddepozita l-kera permezz ta' cedoli[11]. Imbaghad ghall-habta ta' Marzu/April 2015 kienet saret laqgha ghand in-Nutar Hugh Grima. L-intimat qal li huwa xtaq jemigra u pprova jispjega lis-sur Borg li billi huwa ma jkunx prezenti dejjem fil-fond forsi jibda jikrieh. Min-naha tieghu r-rikorrent qallu li sakemm ihallsu dak li kien dovut ma kinitx problema ghalih. B'hekk huwa baqa' jhallas il-kera u ma kienx hemm problemi u baqghu hekk ghal madwar sena u nofs. Huwa kompla li ghall-habta ta' Settembru, meta huwa kien imsiefer, halla f'idejn ohtu biex thallas il-kera u jidher li kien hemm xi malintiz u l-kera ma

[4] Seduta tad-9 ta' Frar 2017
[5] Dok HA1 a fol 32 tal-process
[6] Seduta tad-9 ta' Frar 2017
[7] Seduta tad-9 ta' Frar 2017
[8] Dok QT 1 a fol 37 tal-process
[9] Seduta tas-16 ta' Marzu 2017
[10] Dok FB1 a fol 75 et sequitur tal-process
[11] Dok FB2 a fol 104 et sequitur tal-process

thallsitx fil-hin. Huwa ipprova jikkomunika mar-rikorrent u kellu c-cekk lest izda wara xi sebat ijiem ir-rikorrent talbu biex johrog mill-fond. Sa dan il-punt l-intimat isostni li qatt ma kien hemm problemi bejn il-partijiet. Fil-bidu huwa kien anki hallas depozitu ta' madwar €5,000. Huwa zied li meta dahal fil-post sab dizastru kbir. Huwa staqsa lir-rikorrent jekk kellux bzonn xi ghamara biex filkaz jehodha. L-intimat isostni li s-sur Borg qallu li dak li deherlu li kellu jarmi seta' jaghmel dan. Huwa infatti heles mill-ghamara. Qal li madwar sena u nofs, is-sinjura Borg staqsitu x'kien ghamel bil-kamra tas-sodda u huwa wegibha li kien nehhiha wara li kien gab il-kunsens taghhom. Inkwantu ghall-kcina, appliances u air condition units kollox ghadu fil-post. Meta dahal fil-fond ghamel hafna spejjez minn butu biex jirranga d-dar anki ghaliex kien minghalih li d-dar kienet se tkun tieghu eventwalment.

In kontro-ezami qal li huwa qatt ma gar il-grand piano f'dan il-fond izda kellu portable pianos. Huwa qal li ghamel ftit xhur ighix f'dan il-fond. Huwa kkonferma li meta saret il-laqgha fil-presenza tan-Nutar Grima l-iskop taghha kien biex jiddiskutu l-klawsola li kienet proprju tistipula li l-intimat ma setax jissulloka. Filwaqt li l-intimat isostni li verbalment huwa inghata permess biex jissulloka biss pero' ma sar l-ebda tibdil fl-iskrittura u l-kera xorta wahda baqghet tigi accettata. L-istess intimat ikkonferma li huwa avvicina lill-agenzija Quicklets u meta xehed ikkonferma li kien hemm persuna ta' nazzjonalita' barranija li kienet qeghda tirrisjedi fil-fond u li bdiet tikri tramite l-agenzija quicklets. Huwa xehed ukoll li ma rregistra ebda konvenju mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Minn tali xhieda u d'altronde lanqas mhu kontestat mill-intimat li huwa wara ftit xhur li ha l-pussess tal-fond f'idejh huwa beda jikrih lil terzi u kwindi beda jissullokah. Ma rrizultax lanqas li l-intimat gab il-kunsens bil-miktub tar-rikorrenti biex jibda jissulloka kif kien stipulat fl-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet. L-intimat xehed u sostna li huwa kien inghata l-kunsens verbalment. Apparti l-fatt li dak li kien rikjest kien kunsens bil-miktub, izda fi kwalunke kaz dan il-Bord ma jqisx il-versjoni tal-intimat bhala wahda kredibbli. Dan ghaliex meta ltaqghu man-Nutar Grima l-iskop kien il-varjazzjoni tal-klawsola numru 9 izda din ma saritx. Dan il-Bord huwa konvint li tali klawsola ma gietx varjata proprju ghaliex ir-rikorrenti ma riedux li l-intimat jissulloka. Infatti huwa evidenti li kif saru jafu minghand Mario Vella mill-ewwel bdiet tittiehed azzjoni min-naha taghhom ghaliex ma kienux kuntenti b'dan.

Illi abbazi tal-provi prodotti jirrizulta wkoll li l-intimat biddel id-destinazzjoni tal-fond bi ksur tal-klawsola numru 5 tal-istess skrittura. L-iskop tal-kirja kien

ghal skop kummercjali ossija li l-intimat jista' jaghti lezzjonijiet ta' muzika u jghallem it-teorija muzikali ukoll lill-istudenti tal-muzika u fl-istess hin jista' jintuza' wkoll ghal skopijiet residenzjali.

Mill-provi rrizulta li l-intimat ghalkemm ghal xi xhur uzah bhala r-residenza tieghu, eventwalment la uzah biex jirrisjedi fih u lanqas biex jaghti l-lezzjonijiet tal-muzika izda biex jikrih lil terzi. Dan ma kienx kontemplat fl-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet u certament ma kienx l-iskop tal-lokazzjoni.

Fl-ahharnett ir-rikorrenti sostnew li l-intimat ma kienx puntwali fil-hlas tal-kera. Minn dak li rrizulta ma jirrizultax li tali kawzali hija fondata ghaliex mir-ricevuti ezebiti jirrizulta li l-intimat, hlief ghall-ahhar xhur fejn ittardja bi ftit jiem biss, dejjem kien puntwali fil-hlas tal-kera u r-rikorrenti dejjem accettaw il-hlas sakemm inqala' d-dizgwid.

Inkwantu ghat-tielet talba tar-rikorrenti jirrizulta mill-istess skrittura li l-partijiet indikaw fil-kalwsola numru 3 liema mobbli kienu nkluzi fil-kirja u fosthom kien hemm mobbli tal-ispare bedroom. L-intimat jammetti li huwa heles minn tali ghamara u qal li dan kien bil-kunsens tar-rikorrenti. Lanqas hawn ma jista' jitwemmen l-intimat billi lanqas jaghmel sens li fl-iskrittura giet inkluza tali ghamara biex imbaghad jinghata l-kunsens ftit wara biex jehles minnha. Ghalhekk l-intimat ghandu jaghmel tajjeb ghan-nuqqas tieghu. Ir-rikorrenti ezebew l-ircevuta ta' tali ghamara[12] mil-liema jirrizulta li din kienet inxtrat fis-sena 2004 u swiet Lm750 ekwivalenti ghal €1,747.50. Certament li l-valur tal-ghamara wara tant snin ma baqax dak li kien originarjament u ghalhekk il-Bord iqis li l-ammont reklamat ghandu jitnaqqas u ghalhekk se tordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' €1,000.

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat fejn dawn mhumiex kompatibbli ma' dak hawn deciz u jilqa' t-talbiet tar-rkorrenti u ghaldaqstant:

1. Jawtorizza t-terminazzjoni tal-lokazzjoni li hemm favur l-intimat tal-fond 54 Triq Simmons, Tarxien u b'hekk ir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-fond imsemmi u dan ghar-raguni li l-intimat kiser il-klawsoli numri hamsa u disgha tal-iskrittura tal-20 ta' Dicembru 2013.

[12] Dok C a fol 21 tal-process

2. Jippreferggi terminu perentorju ta' erbghin (40) jum sabiex l-intimat johrog u jizgombra mill-fond 'de quo'.

3. Jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf euro (€1,000) rapprezentanti s-somma likwidata biex tkopri l-ghamara li rrizultat nieqsa.

Bl-ispejjez kif mitluba ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Camilleri**
**Deputat Registratur**